**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 55/2023**

**24 ta' April 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

| | |
|---|---|
| Terrence Ellul | Kunsillier |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**55.01 Talba**

55.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**55.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

55.02.01 Is-S.E. informa li l-Kunsillieri Ellul u D'Amato kienu bagħatu jinfurmaw li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies il-Kunsillieri Ellul u D'Amato bħala skużati

**55.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 53-23 u 54-23**

55.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 53-23 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bis-Sindku tipproponi u l-Kunsillier Sciberras jissekonda.

55.03.02 Il-Minuti tal-Laqgħa 54-23 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bis-Sindku tipproponi u l-Kunsillier Sciberras jissekonda.

***Fuq proposta tas-Sindku, kien hemm qbil unanimu li minħabba r-riskju li nispiċċaw mingħajr quorum, Items 9 u 10 jiġu diskussi qabel item 4***

**55.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* 2022**

55.09.01 Is-S.E. informa li wara li l-Awditur kien għamel ġimgħa *field work* ġewwa l-uffiċċju, konna rċivejna l-*Audited Financial Statements* għas-sena 2022. Huwa spjega li kull ma hemm differenti mill-*Financial* Statements kif ippreparati mill-*Accountant* huma biss xi *re-classifications* u b'mod

ġenerali il-Kunsill fl-aħħar sena kiseb riżultati tajbin. Peress li kopja ta' dawn l-*iStatements* kienu tqassmu qabel il-laqgħa, ġew meqjusa bħala moqrija u approvati unanimament. Is-Sindku u s-S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmaw id-dokument sabiex jintbagħat lill-Awditur Ġenerali.

**55.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 55/23**

55.10.01 L-iskeda ta' Pagamenti 55/23 ġiet approvata unanimament.

**55.04** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

55.04.01 Is-Sindku tat rendikont ta' fejn konna wasalna fuq id-diversi *tenders* u kien hemm qbil li niġru wara s-Sur Hall sabiex nikkonkludu kemm jista' jkun malajr. Hija ħeġġet lill-Kunsillieri sabiex jikkooperaw sabiex it-*tenders* ma jdumux ma jiġu aġġudikati w konklużi.

55.04.02 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna komunikazzjoni mingħand *The Notebook Centre* sabiex il-Kunsill jissieħeb fi skema fejn għal € 2,500 fis-sena, r-residenti ta' Santa Luċija jingħataw diversi servizzi fuq il-kompjuters tagħhom mingħajr ħlas. Ġie deċiż li qabel ma tittieħed deċiżjoni għandha ssir laqgħa mal-kumpanija sabiex niksbu aktar dettalji.

55.04.03 Is-Sindku irreferiet għall-korrispondenza li konna rċivejna mingħand il-*Community Policing* rigward l-iskema li ħarġet dan l-aħħar fejn il-Kunsilli ġew mħeġġa sabiex japplikaw għall-ammont ta' € 15,000. Hija qalet li kienet ser issaqsi dwar il-bżonnijiet li għandhom il-*Community Police* tal-lokal.

55.04.04 Is-Sindku rreferiet għat-talba li saret mir-Reġjun Nofsinhar sabiex il-Kunsillieri jipparteċipaw f'laqgħat dwar *Impact Assessment* li ser ikun qed isir mir-Reġjun. Hija ħeġġet lill-Kunsillieri sabiex jipparteċipaw.

55.04.05 Is-Sindku irreferiet għal korrispondenza li konna rċivejna dwar proġett dwar Santa Luċija li sar minn xi persuni. Kien hemm qbil li nitolbu aktar informazzjoni fuq l-imsemmi proġett.

55.04.06 Is-Sindku ressqet proposta li l-Viċi Sindku kien ressaq f'isem residenta sabiex issir mera fi Triq Olejander lejn Dawret it-torri. Din it-talba ġiet approvata.

55.04.07 Is-Sindku stiednet lil Viċi Sindku jagħti spjegazzjoni dwar dak li ħareġ fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun. Il-Viċi Sindku semma fost l-oħrajn li 99% konna ser nieħdu l-fondi kollha li applikajna għalihom għar-*refurbishment* tal-latrina f' Dawret it-Torri. Huwa semma wkoll proġett li ser isir minn *Project Green* fir-Regjun, eżattament f' Wied iċ-Ċawsli.

55.04.08 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li jekk ikun hemm il-ħtieġa, l-Kunsill jorganizza trasport għal-*Open Day* ta' 3 siti li ser issir minn Din l-Art Ħelwa fl-1 ta' Mejju.

55.04.09 Is-Sindku ressqet proposta li konna rċivejna mingħand resident sabiex isir event tal-karozzi *Concours d'Elegance*. Kien hemm qbil li din l-attività ssir fis-Sajf li ġej.

**55.05** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

55.05.01 Minħabba nuqqas ta' *quorum*, dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**55.06** **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

55.06.01 Minħabba nuqqas ta' *quorum*, dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**55.07** **Skemi 2023/ 2024**

55.07.01 Minħabba nuqqas ta' *quorum*, dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**55.08** **PA/06394/21 – Żvilupp propost minn Santa Luċija FC**

55.08.01 Minħabba nuqqas ta' *quorum*, dan l-*item* ma ġiex diskuss iżda ġie deċiż li jekk ikun ser jitlaqqa l-bord tal-Awtorità tal-Ippjanar qabel il-laqgħa li jmiss, il-Kunsill jitlaqqa sabiex ikun jista' jieħu deċiżjoni dwar kif ser jivvota fuq il-proġett. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li għandu jsir *survey* mar-residenti peress li għal laqgħa ta' konsultazzjoni kienu attendew madwar 20 ruħ biss. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li jsir referendum u fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li jintbagħat *Internal Memo* rigward il-mod li ser inkunu ser nipproċedu.

**55.11** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

55.11.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:40 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 25 ta' Mejju 2023 fis-6:30 p.m.

**Konfermati illum il-Ħamis 25 ta' Mejju 2023.**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |